REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/664

tal-21 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 16 tiegħu,

Billi:

1. **SFOND**

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 ([3]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet miżura ta' salvagwardja proviżorja fuq ċerti prodotti tal-azzar ("il-miżura provviżorja").

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1712 ([4]) u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ("FSE") bejn il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("SADC") u l-Unjoni Ewropea ([5]), il-Kummissjoni eskludiet lil dawn il-pajjiżi mill-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja.

(3) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ([6]), il-Kummissjoni imponiet miżura ta' salvagwardja definittiva fuq ċerti prodotti tal-azzar ("il-miżura ta' salvagwardja definittiva"), li tikkonsisti minn kwoti tariffarji ("TRQs") fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar ("il-prodott ikkonċernat") li jinkludu 26 kategorija ta' prodotti, stabbiliti f'livelli li jippreservaw il-flussi kummerċjali tradizzjonali għal kull kategorija ta' prodott. Tariffa doganali ta' 25 % tapplika biss jekk jinqabżu l-limiti kwantitattivi ta' dawn it-TRQs.

(4) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 ([7]), il-Kummissjoni estendiet id-durata tal-miżura ta' salvagwardja sat-30 ta' Ġunju 2024.

(5) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/434 ([8]), il-Kummissjoni aġġustat id-distribuzzjoni tal-volumi tal-kwoti f'ċerti kategoriji ta' prodotti wara l-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti mir-Russja u mill-Belarussja.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi miżuri provviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, (ĠU L 181 18.7.2018, p.39).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1712 tat-13 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1013 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, (ĠU L 286, 14.11.2018, p. 17).

([5]) ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27) ("ir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva").

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 biex jestendi l-miżura ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 225I, 25.6.2021, p. 1).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/434 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/159 li jimponi miżura definittiva ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 181).

(6) Ċerti pajjiżi li magħhom l-Unjoni ffirmat Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ("ċerti pajjiżi tal-FSE") ([9]) ġew eskluży mill-applikazzjoni tal-miżura definittiva, u l-emendi sussegwenti tagħha, inkluża l-estensjoni tagħha. L-esklużjoni ta' ċerti pajjiżi tal-FSE mill-miżura ta' salvagwardja definittiva kienet iġġustifikata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-FSE. Madankollu, l-esklużjoni prevista fl-FSE kienet limitata fiż-żmien u issa skadiet fir-rigward ta' ċerti pajjiżi tal-FSE. Għaldaqstant, u sabiex jiġi rrispettat l-obbligu tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (Most Favoured Nation - MFN) skont ir-regoli tad-WTO, ċerti pajjiżi tal-FSE ([10]) jenħtieġ li jingħiebu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja ([11]).

2. ANALIŻI

2.1. Żieda fl-importazzjonijiet

(7) Id-*data* dwar l-importazzjoni ta' ċerti pajjiżi tal-FSE ma kinitx parti mill-konstatazzjoni ta' żieda fl-importazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva ([12]). Dan kien b'applikazzjoni tal-prinċipju tal-paralleliżmu, ([13]) li skontu l-awtorità investigattiva ma tistax tikkunsidra fl-analiżi tagħha jekk l-importazzjonijiet kinux żiedu l-importazzjonijiet minn dawk l-oriġini eskluży mill-applikazzjoni tal-miżura.

(8) Peress li l-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi tal-FSE ma jistgħux jibqgħu jibbenefikaw mill-esklużjoni skont l-FSE, il-Kummissjoni teħtieġ li tivvaluta mill-ġdid il-konstatazzjoni oriġinali ta' żieda fl-importazzjonijiet billi tinkorpora d-*data* tal-importazzjoni minn ċerti pajjiżi tal-FSE.

(9) L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fil-perjodu kkunsidrat fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva, aġġornata bl-inklużjoni ta' ċerti volumi ta' importazzjoni tal-FSE, tidher fit-tabelli li ġejjin: l-ewwel, għall-prodott ikkonċernat (it-Tabella 1); u mbagħad, bħala analiżi supplimentari, abbażi ta' kull familja ta' prodott (it-Tabella 2).

Tabella 1

Il-volum tal-importazzjonijiet (wara l-inklużjoni ta' ċerti pajjiżi tal-FSE) u s-sehem mis-suq

	2013	2014	2015	2016	2017	MRP (mutual recognition procedure)
Importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	18 454	22 012	26 693	29 283	30 271	31 476
indiċi 2013=100	*100*	*119*	*145*	*159*	*164*	*171*
Sehem mis-suq	12,78 %	14,48 %	16,97 %	17,97 %	18,19 %	18,88 %

Sors: L-Eurostat u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Industrija tal-Unjoni tal-2018.

(10) Matul il-perjodu ta' analiżi l-importazzjonijiet f'termini assoluti żdiedu b'71 %, u f'termini relattivi mal-ishma tas-suq żdiedu minn 12,78 % għal 18,88 % mill-2013 sal-MRP.

Tabella 2

Il-volum tal-importazzjonijiet (wara l-inklużjoni ta' ċerti pajjiżi tal-FSE) u s-sehem mis-suq — għal kull familja ta' prodott

	2013	2014	2015	2016	2017	MRP (mutual recognition procedure)
Prodotti ċatti						
importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	12 405	14 301	18 509	20 405	20 457	20 342

([9]) Il-Botswana, il-Kamerun, l-Eswatini, Fiġi, il-Gana, il-Kosta tal-Avorju, il-Lesoto, in-Namibja u l-Afrika t'Isfel.

([10]) Ċerti pajjiżi tal-FSE huma pajjiżi li qed jiżviluppaw u membri tad-WTO, għalhekk jistgħu jibbenefikaw minn esklużjonijiet ta' "pajjiżi li qed jiżviluppaw", meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti, f'konformità mar-regoli tal-UE u tad-WTO.

([11]) Dan ma japplikax għall-Mozambique peress li l-FSE daħal f'applikazzjoni proviżorja għall-Mozambique fl-4 ta' Frar 2018. Għalhekk, l-eżenzjoni taħt il-FSE tibqa' fis-seħħ.

([12]) Ara l-premessi (27) sa (47) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159.

([13]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *Argentine – Safeguard Measures on Imports of Footwear* (WT/DS121/AB/R), 14 ta' Diċembru 1999, para. 113.

indiċi 2013=100	*100*	*115*	*149*	*165*	*165*	*164*
Sehem mis-suq	14,28 %	15,88 %	19,50 %	20,80 %	21,03 %	21,01 %
Prodotti twal						
importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	4 039	5 308	6 042	6 560	6 474	7 913
indiċi 2013=100	*100*	*131*	*150*	*162*	*160*	*196*
Sehem mis-suq	8,67 %	10,69 %	11,82 %	12,42 %	11,82 %	14,02 %
Tubi						
importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	2 010	2 403	2 142	2 317	3 339	3 221
indiċi 2013=100	*100*	*120*	*107*	*115*	*166*	*160*
Sehem mis-suq	20,47 %	20,85 %	19,96 %	20,15 %	25,35 %	25,75 %

Sors: L-Eurostat u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Industrija tal-Unjoni tal-2018.

(11) L-importazzjonijiet żdiedu fit-tliet familji ta' prodotti kollha (prodotti ċatti, prodotti twal u tubi) f'termini assoluti b'64 %, 96 % u 60 % rispettivament matul l-2013-MRP. Fl-istess perjodu, l-importazzjonijiet żdiedu wkoll f'termini relattivi mal-ishma fis-suq li żdiedu rispettivament minn 14,28 % għal 21,01 %; minn 8,67 % għal 14,02 % u minn 20,47 % għal 25,75 %.

(12) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li, wara l-inklużjoni tal-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi tal-FSE, kien hemm żieda fl-importazzjonijiet, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi għall-prodott ikkonċernat fil-perjodu kkunsidrat. Fil-fatt, din iż-żieda fl-importazzjonijiet hija saħansitra akbar minn dik stabbilita mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konstatazzjonijiet tal-miżura definittiva li seħħet żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, u dik il-konstatazzjoni kienet ikkorroborata aktar mill-analiżi supplimentari mwettqa fil-livell ta' kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti.

2.2. **Żviluppi mhux previsti**

(13) Fil-premessi (48) sa (62) tar-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva ([14]), il-Kummissjoni ddeskriviet fid-dettall l-iżviluppi mhux previsti li identifikat u li kienu wasslu għaż-żieda fl-importazzjonijiet.

(14) In-natura ta' dawk l-iżviluppi mhux previsti tinkludi firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, żviluppi u miżuri li jaffettwaw is-suq tal-azzar fuq skala dinjija. Għalhekk, iż-żieda fl-analiżi ta' ċerti pajjiżi tal-FSE, li jirrappreżentaw sehem żgħir fil-livell kumplessiv tal-kapaċità tal-produzzjoni dinjija tal-azzar ([15]), ma tistax tbiddel il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva f'dan ir-rigward.

(15) Għalhekk, il-konstatazzjonijiet rigward l-iżviluppi mhux previsti tar-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva huma kkonfermati.

2.3. **Theddida ta' dannu serju, kawżalità u interess tal-Unjoni**

(16) Iż-żieda tal-importazzjonijiet ta' ċerti pajjiżi tal-FSE fl-analiżi fi kwalunkwe każ uriet li l-livell ta' żieda fl-importazzjonijiet kien saħansitra akbar milli fin-nuqqas tagħhom. Għalhekk, il-konstatazzjonijiet fir-rigward tat-theddida ta' dannu serju, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni li saru fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva jibqgħu validi.

([14]) Kif ukoll il-konstatazzjonijiet fil-premessi (30) sa (36) tal-miżura provviżorja.

([15]) Ara, bħala eżempju, "OECD: Latest Developments in Steelmaking Capacity, 2021", it-tabella 6. Disponibbli: https://www.oecd.org/industry/ind/latest-developments-in-steelmaking-capacity-2021.pdf

2.4. **Konklużjoni**

(17) Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li wara l-inklużjoni fl-analiżi tal-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi tal-FSE, il-konstatazzjonijiet oriġinali fir-rigward taż-żieda fl-importazzjonijiet, l-iżviluppi mhux previsti, it-theddida ta' dannu serju, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni jibqgħu validi.

3. **AĠĠORNAMENT TAL-LISTA TA' PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW SOĠĠETTI GĦAL MIŻURI**

(18) Il-Kummissjoni kkalkulat jekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 dwar il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma membri tad-WTO, xi wieħed minn ċerti pajjiżi tal-FSE qabiżx il-limitu rilevanti tal-importazzjonijiet f'kull kategorija ta' prodott. Il-Kummissjoni bbażat il-kalkolu tagħha fuq id-*data* li tikkonċerna s-sett tad-*data* dwar l-importazzjonijiet tas-sena 2019 sabiex tiżgura l-konsistenza mal-approċċ użat għall-miżura attwalment fis-seħħ.

(19) Il-bidliet fl-esklużjonijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma kif ġej:

— L-Afrika t'Isfel hija inkluża taħt il-miżura fil-kategoriji ta' prodotti 8, 9 u 10.

4. **LIVELL U ALLOKAZZJONI TAT-TRQS**

(20) Bl-inklużjoni tal-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi tal-FSE taħt il-miżura, il-livell tat-TRQs għal kull kategorija ta' prodott u l-allokazzjoni tat-TRQs (fejn xieraq) jeħtieġ li jiġu riveduti f'konformità mal-prinċipju tal-paralleliżmu, sabiex il-volumi tal-kwoti disponibbli jikkorrispondu mal-volumi storiċi tal-importazzjonijiet ([16]) mill-pajjiżi soġġetti għall-miżura.

(21) F'termini tal-metodoloġija użata, il-Kummissjoni segwiet l-istess approċċ li jirfed il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kwoti fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva, u aġġornat biss iċ-ċifri li jirriżultaw miż-żieda ta' importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi tal-FSE.

(22) Il-linja bażi biex jiġi kkalkulat il-volum tat-TRQ kienet ibbażata fuq il-perjodu ta' referenza (jiġifieri l-importazzjonijiet medji fil-perjodu 2015–2017). Għalhekk, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-volum medju tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' referenza ([17]), għal kull kategorija ta' prodott, inklużi, fejn xieraq, l-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi tal-FSE ([18]).

(23) Il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-volum tat-TRQs billi żiedet mal-volum medju tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' referenza ż-żidiet sussegwenti tal-kwota li seħħew sa mill-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja definittiva ([19]). Il-Kummissjoni qieset ukoll il-bidliet fil-kwota introdotti bir-Regolament (UE) 2022/434.

(24) Għall-perjodi mill-1 ta' Lulju 2022 'il quddiem, il-Kummissjoni żiedet, fejn applikabbli, il-volumi tal-kwoti li jikkorrispondu għal ċerti importazzjonijiet ta' ċerti pajjiżi tal-FSE.

(25) Għat-trimestru April-Ġunju 2022, li kien għadu ma spiċċax meta daħal fis-seħħ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid b'mod proporzjonali l-ammont ta' kwota li se jiżdied, fejn applikabbli, mal-volumi tal-kwota inizjalment disponibbli fit-trimestru li kien għadu ma spiċċax ([20]) mill-jum li fih beda japplika dan ir-Regolament (l-1 ta' Mejju 2022) sat-30 ta' Ġunju 2022, meta jintemm il-perjodu attwali ta' salvagwardja ([21]).

([16]) Minbarra l-liberalizzazzjoni u bidliet oħra fil-kwoti li setgħu seħħew.

([17]) Ara l-premessa (146) tar-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva.

([18]) Il-Kummissjoni aġġornat biss il-volumi ta' dawk il-kategoriji li rreġistraw l-importazzjonijiet mill-pajjiżi tal-SADC fil-perjodu ta' referenza. Jekk fil-perjodu referenzjarju ma kienx hemm importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi f'kategorija partikolari, il-volumi tat-TRQ għal tali kategorija baqgħu l-istess.

([19]) Il-livell tal-kwoti żdied b'5 % mad-dħul fis-seħħ tal-miżura definittiva ta' salvagwardja, u sussegwentement żdied bi 3 % kull 1 ta' Lulju bħala riżultat tal-liberalizzazzjoni progressiva.

([20]) Il-volumi tal-kwoti inizjalment disponibbli f'dan it-trimestru ġew definiti l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/434.

([21]) Il-perjodu attwali ta' salvagwardja jirreferi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022.

(26) Fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kwoti, u sabiex jiġi ddeterminat jekk xi wieħed minn ċerti pajjiżi tal-FSE jikkwalifikax għal kwota speċifika għall-pajjiż ([22]), il-Kummissjoni vvalutat, għal kull wieħed minn dawn il-pajjiżi ([23]), jekk il-livell tal-importazzjonijiet tagħhom kienx mill-inqas 5 % tal-importazzjonijiet totali fil-perjodu ta' referenza (f'kull kategorija ta' prodott).

(27) Kif spjegat fil-premessa (20) hawn fuq, l-Afrika t'Isfel biss taqbeż il-limiti rilevanti tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 għalhekk mhijiex qed tibbenefika mill-eżenzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kummissjoni għalhekk ivvalutat is-sitwazzjoni tal-Afrika t'Isfel fit-tliet kategoriji ta' prodotti li għalihom l-Afrika t'Isfel hija soġġetta għall-miżura. Ir-riżultat huwa kif ġej:

(28) Il-kategorija 8 hija amministrata globalment. Għalhekk, l-Afrika t'Isfel se tkun parti mill-kwota globali. Is-sehem proporzjonali tal-volumi storiċi tal-importazzjoni tagħha se jiżdied mal-volumi tal-kwota globali f'din il-kategorija. Għall-kategoriji 9 u 10, l-Afrika t'Isfel se tirċievi kwoti speċifiċi għall-pajjiż f'konformità mal-volumi storiċi tal-importazzjoni tagħha.

(29) Regolament ta' Implimentazzjoni li se jiġi ppubblikat ladarba tintemm l-investigazzjoni ta' rieżami tal-funzjonament li għaddejja u li nbdiet fis-17 ta' Diċembru 2021, se jaġġorna l-volumi tat-TRQ fl-Anness għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Lulju 2022. Dan ir-Regolament se japplika mill-1 ta' Mejju 2022 sabiex jagħti avviż suffiċjenti lill-operaturi ekonomiċi kollha.

(30) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/159 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt III.2 tal-Anness III huwa sostitwit bl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness IV huwa sostitwit bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(3) It-test fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit bi "Lanqas il-Mozambique ma għandu jkun soġġett għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([22]) Ara l-premessa (147) tar-Regolament ta' Salvagwardja Definittiva.
([23]) Meta ma kinux taħt il-limitu għall-esklużjonijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478.

ANNESS I

"III.2 **— Lista ta' kategoriji tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li qed jiżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri definittivi**

Pajjiż/Grupp ta' prodotti	1	2	3A	3B	4A	4B	5	6	7	8	9	10	12	13	14	15	16	17	18	19	20	21	22	24	25A	25B	26	27	28
il-Brażil		X	X																					X					
iċ-Ċina				X		X		X		X		X	X			X			X	X		X	X	X	X	X	X	X	X
l-Indja	X	X		X	X	X	X	X	X		X	X			X	X					X		X	X			X		
l-Indonežja									X	X	X													X					
il-Malażja											X													X					
il-Messiku																								X					
il-Moldova														X			X							X					
il-Maċedonja ta' Fuq							X		X				X								X	X		X					
l-Afrika t'Isfel										X	X	X												X					
it-Tajlandja											X													X					
it-Tuneżija					X																			X					
it-Turkija	X	X			X	X	X	X			X		X	X			X	X		X	X	X		X		X	X	X	X
l-Ukrajna		X							X					X	X		X	X			X	X	X	X				X	X
l-Emirati Għarab Magħquda																		X	X		X			X					
il-Vjetnam		X					X				X													X					
Il-pajjiżi l-oħra kollha li qed jiżviluppaw																								X"					

ANNESS II

"ANNESS IV

IV.1 - **Volumi ta' kwoti tariffarji**

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM	L-allokazzjoni skont il-pajjiż (Jekk Applikabbli)	Sena 1				Sena 2				Sena 3				Rata tad-dazju addizzjonali	Numri tal-ordni
				Mill-1.7.2021 sat-30.9.2021	Mill-1.10.2021 sal-31.12.2021	Mill-1.1.2022 sal-31.3.2022	Mill-1.4.2022 sat-30.6.2022	Mill-1.7.2022 sat-30.9.2022	Mill-1.10.2022 sal-31.12.2022	Mill-1.1.2023 sal-31.3.2023	Mill-1.4.2023 sat-30.6.2023	Mill-1.7.2023 sat-30.9.2023	Mill-1.10.2023 sal-31.12.2023	Mill-1.1.2024 sal-31.3.2024	Mill-1.4.2024 sat-30.6.2024		
				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)					
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Ohrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 99, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99	il-Federazzjoni Russa	416 848,18	416 848,18	407 786,27	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8966
			it-Turkija	330 387,67	330 387,67	323 205,33	430 246,90	448 024,13	448 024,13	438 284,48	443 154,30	461 464,85	461 464,85	451 433,01	456 448,93	25 %	09.8967
			l-Indja	169 717,08	169 717,08	166 027,58	273 178,15	284 465,51	284 465,51	278 281,48	281 373,50	292 999,48	292 999,48	286 629,92	289 814,70	25 %	09.8968
			ir-Repubblika tal-Korea	135 867,52	135 867,52	132 913,87	170 592,15	177 640,79	177 640,79	173 779,03	175 709,91	182 970,01	182 970,01	178 992,40	180 981,21	25 %	09.8969
			ir-Renju Unit	120 514,16	120 514,16	117 894,29	142 706,31	148 602,75	148 602,75	145 372,25	146 987,50	153 060,83	153 060,83	149 733,42	151 397,12	25 %	09.8976
			is-Serbja	119 634,36	119 634,36	117 033,62	151 443,06	157 700,49	157 700,49	154 272,22	155 986,36	162 431,51	162 431,51	158 900,39	160 665,95	25 %	09.8970
			Pajjiżi ohra	1 020 975,90	1 020 975,90	998 780,77	1 120 627,94	1 166 931,42	1 166 931,42	1 141 563,34	1 154 247,38	1 201 939,35	1 201 939,35	1 175 810,26	1 188 874,80	25 %	(1)
2	Folji Mhux Illigati u Ohrajn Illigati Llaminati bil-Kesha	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00	l-Indja	150 937,31	150 937,31	147 656,06	149 296,69	155 465,43	155 465,43	152 085,74	153 775,59	160 129,39	160 129,39	156 648,32	158 388,85	25 %	09.8801
			ir-Repubblika tal-Korea	87 540,62	87 540,62	85 637,56	86 589,09	90 166,83	90 166,83	88 206,69	89 186,76	92 871,84	92 871,84	90 852,89	91 862,36	25 %	09.8802
			ir-Renju Unit	80 906,72	80 906,72	79 147,88	80 027,30	83 333,92	83 333,92	81 522,32	82 428,12	85 833,94	85 833,94	83 967,99	84 900,96	25 %	09.8977
			l-Ukrajna	67 209,91	67 209,91	65 748,82	66 479,37	69 226,21	69 226,21	67 721,29	68 473,75	71 302,99	71 302,99	69 752,93	70 527,96	25 %	09.8803
			il-Brażil	43 002,88	43 002,88	42 068,04	42 535,46	44 292,97	44 292,97	43 330,08	43 811,52	45 621,76	45 621,76	44 629,98	45 125,87	25 %	09.8804
			is-Serbja	38 107,42	38 107,42	37 279,00	37 693,21	39 250,64	39 250,64	38 397,37	38 824,00	40 428,16	40 428,16	39 549,29	39 988,72	25 %	09.8805
			Pajjiżi ohra	265 739,79	265 739,79	259 962,84	263 318,03	274 436,99	274 436,99	268 470,97	271 453,98	282 668,06	282 668,06	276 531,20	279 595,58	25 %	(2)

3.A	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10	il-Federazzjoni Russa	350,64	350,64	343,02	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8808
			ir-Renju Unit	300,46	300,46	293,93	506,54	527,47	527,47	516,00	521,74	543,29	543,29	531,48	537,39	25 %	09.8978
			ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran	153,51	153,51	150,17	151,91	158,18	158,18	154,75	156,46	162,93	162,93	159,39	161,16	25 %	09.8809
			ir-Repubblika tal-Korea	124,95	124,95	122,24	232,64	242,25	242,25	236,98	239,62	249,52	249,52	244,09	246,81	25 %	09.8806
			Pajjiżi ohra	757,52	757,52	741,05	777,65	809,79	809,79	792,18	800,98	834,08	834,08	815,95	825,01	25 %	(3)
3.B		7225 19 90, 7226 19 80	il-Federazzjoni Russa	35 467,36	35 467,36	34 696,33	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8811
			ir-Repubblika tal-Korea	21 197,70	21 197,70	20 736,88	32 204,00	33 534,63	33 534,63	32 805,62	33 170,12	34 540,67	34 540,67	33 789,78	34 165,23	25 %	09.8812
			iċ-Ċina	16 317,74	16 317,74	15 963,01	28 320,79	29 490,97	29 490,97	28 849,86	29 170,42	30 375,70	30 375,70	29 715,36	30 045,53	25 %	09.8813
			it-Tajwan	12 242,39	12 242,39	11 976,25	22 149,74	23 064,94	23 064,94	22 563,53	22 814,23	23 756,89	23 756,89	23 240,43	23 498,66	25 %	09.8814
			Pajjiżi ohra	6 343,40	6 343,40	6 205,50	7 898,74	8 225,11	8 225,11	8 046,30	8 135,71	8 471,86	8 471,86	8 287,69	8 379,78	25 %	(4)
4.A	Folji Miksija Metalliċi	Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 20, 7210 49 00 20, 7210 61 00 20, 7210 69 00 20, 7212 30 00 20, 7212 50 61 20, 7212 50 69 20, 7225 92 00 20, 7225 99 00 11, 7225 99 00 22, 7225 99 00 40, 7225 99 00 91, 7225 99 00 92, 7226 99 30 10, 7226 99 70 11, 7226 99 70 91, 7226 99 70 94	ir-Repubblika tal-Korea	34 726,32	34 726,32	33 971,40	34 348,86	35 768,11	35 768,11	34 990,54	35 379,32	36 841,15	36 841,15	36 040,26	36 440,70	25 %	09.8816
			l-Indja	49 638,36	49 638,36	48 559,27	49 098,82	51 127,51	51 127,51	50 016,05	50 571,78	52 661,34	52 661,34	51 516,53	52 088,93	25 %	09.8817
			ir-Renju Unit	32 719,56	32 719,56	32 008,27	32 363,92	33 701,15	33 701,15	32 968,52	33 334,83	34 712,19	34 712,19	33 957,57	34 334,88	25 %	09.8979
			Pajjiżi ohra	439 629,02	439 629,02	430 071,87	435 187,30	453 341,17	453 341,17	443 485,93	448 413,55	466 939,93	466 939,93	456 794,90	461 864,50	25 %	(5)

4.B		Kodiċijiet NM: 7210 20 00, 7210 30 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 50 20, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 90, 7225 91 00, 7226 99 10 Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 80, 7210 49 00 80, 7210 61 00 80, 7210 69 00 80, 7212 30 00 80, 7212 50 61 80, 7212 50 69 80, 7225 92 00 80, 7225 99 00 25, 7225 99 00 95, 7226 99 30 90, 7226 99 70 19, 7226 99 70 96	iċ-Ċina	118 662,79	118 662,79	116 083,16	117 372,98	122 222,67	122 222,67	119 565,66	120 894,17	125 889,35	125 889,35	123 152,63	124 520,99	25 %	09.8821
			ir-Repubblika tal-Korea	154 003,68	154 003,68	150 655,77	152 329,73	158 623,79	158 623,79	155 175,45	156 899,62	163 382,50	163 382,50	159 830,71	161 606,61	25 %	09.8822
			l-Indja	70 874,00	70 874,00	69 333,27	70 103,64	73 000,22	73 000,22	71 413,26	72 206,74	75 190,23	75 190,23	73 555,66	74 372,95	25 %	09.8823
			ir-Renju Unit	32 719,56	32 719,56	32 008,27	32 363,92	33 701,15	33 701,15	32 968,52	33 334,83	34 712,19	34 712,19	33 957,57	34 334,88	25 %	09.8980
			Pajjiżi ohra	99 301,05	99 301,05	97 142,33	98 535,77	102 767,99	102 767,99	100 533,90	101 650,95	105 849,65	105 849,65	103 554,03	104 699,12	25 %	(6)
5	Folji Miksija Organiċi	7210 70 80, 7212 40 80	l-Indja	72 733,52	72 733,52	71 152,36	71 942,94	74 915,53	74 915,53	73 286,93	74 101,23	77 162,99	77 162,99	75 485,54	76 324,26	25 %	09.8826
			ir-Repubblika tal-Korea	65 734,04	65 734,04	64 305,04	65 019,54	67 706,06	67 706,06	66 234,19	66 970,13	69 737,25	69 737,25	68 221,22	68 979,23	25 %	09.8827
			ir-Renju Unit	32 273,02	32 273,02	31 571,43	31 922,23	33 241,21	33 241,21	32 518,58	32 879,90	34 238,45	34 238,45	33 494,13	33 866,29	25 %	09.8981
			it-Tajwan	21 067,46	21 067,46	20 609,47	20 838,47	21 699,48	21 699,48	21 227,76	21 463,62	22 350,47	22 350,47	21 864,59	22 107,53	25 %	09.8828
			it-Turkija	14 544,98	14 544,98	14 228,79	14 386,89	14 981,33	14 981,33	14 655,65	14 818,49	15 430,77	15 430,77	15 095,32	15 263,05	25 %	09.8829
			Pajjiżi ohra	39 845,48	39 845,48	38 979,27	39 412,50	41 041,04	41 041,04	40 148,84	40 594,94	42 272,27	42 272,27	41 353,31	41 812,79	25 %	(7)
6	Prodotti stanjati	7209 18 99, 7210 11 00, 7210 12 20, 7210 12 80, 7210 50 00, 7210 70 10, 7210 90 40, 7212 10 10, 7212 10 90, 7212 40 20	iċ-Ċina	102 651,92	102 651,92	100 420,36	101 536,14	105 731,48	105 731,48	103 432,97	104 582,22	108 903,42	108 903,42	106 535,96	107 719,69	25 %	09.8831
			ir-Renju Unit	37 442,67	37 442,67	36 628,69	37 035,68	38 565,95	38 565,95	37 727,56	38 146,75	39 722,92	39 722,92	38 859,38	39 291,15	25 %	09.8982
			is-Serbja	20 605,18	20 605,18	20 157,24	20 381,21	21 223,33	21 223,33	20 761,95	20 992,64	21 860,03	21 860,03	21 384,81	21 622,42	25 %	09.8832
			ir-Repubblika tal-Korea	14 904,85	14 904,85	14 580,83	14 742,84	15 352,00	15 352,00	15 018,26	15 185,13	15 812,56	15 812,56	15 468,81	15 640,68	25 %	09.8833
			it-Tajwan	12 392,30	12 392,30	12 122,90	12 257,60	12 764,07	12 764,07	12 486,59	12 625,33	13 146,99	13 146,99	12 861,18	13 004,09	25 %	09.8834
			Pajjiżi ohra	34 348,50	34 348,50	33 601,80	33 975,69	35 379,80	35 379,80	34 610,67	34 995,23	36 441,19	36 441,19	35 649,00	36 045,09	25 %	(8)

7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Ohrajn Illigati	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60, 7225 99 00	l-Ukrajna	220 959,54	220 959,54	216 156,07	256 810,19	267 421,24	267 421,24	261 607,74	264 514,49	275 443,88	275 443,88	269 455,97	272 449,93	25 %	09.8836
			ir-Repubblika tal-Korea	90 484,11	90 484,11	88 517,06	96 106,51	100 077,50	100 077,50	97 901,90	98 989,70	103 079,83	103 079,83	100 838,96	101 959,39	25 %	09.8837
			il-Federazzjoni Russa	76 413,23	76 413,23	74 752,08	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8838
			l-Indja	50 218,77	50 218,77	49 127,06	60 949,84	63 468,21	63 468,21	62 088,47	62 778,34	65 372,26	65 372,26	63 951,12	64 661,69	25 %	09.8839
			ir-Renju Unit	50 201,69	50 201,69	49 110,35	53 246,19	55 446,25	55 446,25	54 240,90	54 843,58	57 109,64	57 109,64	55 868,13	56 488,88	25 %	09.8983
			Pajjiżi ohra	304 534,67	304 534,67	297 914,36	317 122,78	330 246,89	330 246,89	323 067,60	326 657,25	340 154,11	340 154,11	332 760,17	336 456,78	25 %	[9]
8	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Shana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00	Pajjiżi ohra	95 423,22	95 423,22	93 348,80	98 429,19	104 566,77	104 566,77	102 293,58	103 430,17	107 686,09	107 686,09	105 415,22	106 515,59	25 %	[10]
9	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesha	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80	ir-Repubblika tal-Korea	45 936,49	45 936,49	44 937,87	45 437,18	47 314,59	47 314,59	46 286,01	46 800,30	48 734,02	48 734,02	47 674,59	48 204,31	25 %	09.8846
			it-Tajwan	42 598,45	42 598,45	41 672,39	42 135,42	43 876,40	43 876,40	42 922,57	43 399,48	45 192,69	45 192,69	44 210,24	44 701,47	25 %	09.8847
			l-Indja	28 471,37	28 471,37	27 852,43	28 161,90	29 325,51	29 325,51	28 688,00	29 006,76	30 205,28	30 205,28	29 548,64	29 876,96	25 %	09.8848
			l-Afrika t'Isfel	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	16 426,70	25 517,94	25 517,94	24 963,20	25 240,57	26 211,66	26 211,66	25 926,75	25 926,75		09.8853
			l-Istati Uniti	23 164,35	23 164,35	22 660,78	22 912,56	23 859,28	23 859,28	23 340,60	23 599,94	24 575,06	24 575,06	24 040,82	24 307,94	25 %	09.8849
			it-Turkija	19 275,63	19 275,63	18 856,60	19 066,12	19 853,90	19 853,90	19 422,30	19 638,10	20 449,52	20 449,52	20 004,97	20 227,24	25 %	09.8850
			il-Malażja	12 211,97	12 211,97	11 946,49	12 079,23	12 578,33	12 578,33	12 304,89	12 441,61	12 955,68	12 955,68	12 674,04	12 814,86	25 %	09.8851
			Pajjiżi ohra	48 986,92	48 986,92	47 921,98	48 454,45	50 456,53	50 456,53	49 359,64	49 908,08	51 970,22	51 970,22	50 840,43	51 405,33	25 %	[11]
10	Pjanċi Kwatro Inossidabbli Llaminata bis-Shana	7219 21 10, 7219 21 90	iċ-Ċina	4 549,32	4 549,32	4 450,42	4 499,87	4 685,80	4 685,80	4 583,94	4 634,87	4 826,38	4 826,38	4 721,46	4 773,92	25 %	09.8856
			l-Indja	1 929,86	1 929,86	1 887,91	1 908,88	1 987,76	1 987,76	1 944,54	1 966,15	2 047,39	2 047,39	2 002,88	2 025,13	25 %	09.8857
			l-Afrika t'Isfel	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	876,19	1 361,11	1 361,11	1 331,52	1 346,31	1 398,11	1 398,11	1 382,91	1 382,91		09.8859
			ir-Renju Unit	796,12	796,12	778,81	787,46	820,00	820,00	802,17	811,09	844,60	844,60	826,24	835,42	25 %	09.8984
			it-Tajwan	735,01	735,01	719,03	727,02	757,06	757,06	740,60	748,83	779,77	779,77	762,82	771,29	25 %	09.8858
			Pajjiżi ohra	964,37	964,37	943,41	953,89	993,30	993,30	971,71	982,51	1 023,10	1 023,10	1 000,86	1 011,98	25 %	[12]

12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Ohrajn Illigati	7214 30 00, 7214 91 10, 7214 91 90, 7214 99 31, 7214 99 39, 7214 99 50, 7214 99 71, 7214 99 79, 7214 99 95, 7215 90 00, 7216 10 00, 7216 21 00, 7216 22 00, 7216 40 10, 7216 40 90, 7216 50 10, 7216 50 91, 7216 50 99, 7216 99 00, 7228 10 20, 7228 20 10, 7228 20 91, 7228 30 20, 7228 30 41, 7228 30 49, 7228 30 61, 7228 30 69, 7228 30 70, 7228 30 89, 7228 60 20, 7228 60 80, 7228 70 10, 7228 70 90, 7228 80 00	iċ-Ċina	109 081,26	109 081,26	106 709,93	128 399,98	133 705,30	133 705,30	130 798,66	132 251,98	137 716,46	137 716,46	134 722,62	136 219,54	25 %	09.8861
			ir-Renju Unit	91 256,44	91 256,44	89 272,60	107 269,12	111 701,34	111 701,34	109 273,05	110 487,19	115 052,38	115 052,38	112 551,24	113 801,81	25 %	09.8985
			it-Turkija	65 582,60	65 582,60	64 156,89	97 010,41	101 018,76	101 018,76	98 822,70	99 920,73	104 049,32	104 049,32	101 787,38	102 918,35	25 %	09.8862
